MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 37/1993/1

**Francis Agius**

**vs.**

**Rosario Agius**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi

huwa u l-konvenut huma ko-proprietarji tan-negozju gestit fil-hanut numru 273, Triq San Pawl, Valletta, inkluz l-avvjament, l-armaturi, atrezzi, ghodda u l-oggetti l-ohra kollha ezistenti fl-istess hanut; illi l-konvenut gie mitlub u interpellat diversi drabi sabiex jaghti rendikont tal-gestjoni tieghu tal-istess negozju mid-data ta' Ottubru, 1991, min meta l-istess negozju gie gestit mill-konvenut; u illi l-konvenut baqa' inadempjenti u sal-lum naqas li jaghti lill-attur rendikont minn Ottubru, 1991, tal-gestjoni tieghu tal-istess negozju; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tikkundanna lill-konvenut sabiex jaghti rendikont shih u fidil tal-gestjoni tieghu tan-negozju proprietà tal-istess partijiet gestit fil-fond 273, Triq San Pawl, Valletta, u dan minn Ottubru, 1991 sal-lum u fi zmien qasir u perentorju lilu preskritt ghal tali skop; 2. fin-nuqqas li jghaddi inutilment it-terminu hekk prefiss permezz ta' l-ewwel domanda ta' din ic-citazzjoni, tawtorizza lill-attur jiffissa l-ammont lilu dovut bil-gurament tieghu; bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri kontra l-konvenut ngunt personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
1. Illi l-inkwilinat tal-hanut 273, Triq San Pawl, Valletta, u n-negozzju gestit minnu, b'kull ma hemm fl-istess hanut huma esklussivament tal-eccipjent kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni taq' din il-kawza;
2. Illi konsegwentement it-talbiet attrici huma legalment infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza *in parte* tat-tnejn (2) ta' April, 2001 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, laqghet l-ewwel talba attrici u ghalhekk ipprefiggiet lill-konvenut terminu perentorju ta' tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza biex

jaghti r-rendikont mitlub mill-attur u halliet impregudikata t-tieni talba attrici sakemm il-konvenut jottempera ruhu ma' dak li gie kkundannat li jaghmel, bl-ispejjez relativi ghall-ewwel talba pagabbli mill-konvenut, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"… illi mill-provi jirrizulta li l-fond bin-numru 273, Triq San Pawl,Valletta, adibit bhala hanut fil-generu ta' pastizzerija, kien jappartjeni u gestit minn Rosario Agius, missier il-kontendenti. Wara l-perkors taz-zmien, il-missier iddecieda li ma jkomplix imexxi dan il-hanut hu imma jghaddih li[l] xi whud minn uliedu, trattandosi ta' familja ta' tnax-il persuna. Jirrizulta li saret skrittura bejn Rosario Agius, il-missier, in data tat-23 ta' Novembru 1982 (ara Dok FA1, a fol. 28 tal-process) u ibnu omonimu, il-konvenut odjern, u saru wkoll zewg skritturi ohra in segwitu, jigifieri wahda bejn il-konvenut Rosario Agius u l-attur, huh Francis Agius in data tad-19 ta' Gunju 1984 (Dok. FA a fol. 27 tal-process), u ohra bejn il-konvenut Rosario Agius u Joseph Agius, huhom iehor, li m'huwiex però parti f'din il-kawza, liema l-ahhar skrittura saret fl-10 ta' Novembru 1993 (a fol. 66 tal-process).

"Jirrizulta pacifiku mill-provi li l-attur ghamel zmien imexxi u jahdem f'dan il-hanut flimkien mal-konvenut u li, però f'xi zmien wara, l-istess attur iddecieda li ma jkomplix aktar bi shab. Gie allura miftiehem li minfloku jidhol xi hadd iehor u wara xi zmien fil-fatt dahal Joseph Agius kif rajna <u>supra</u>, spicca biex jahdem fil-hanut imma ma kompliex sakemm il-konvenut spicca fil-hanut wahdu. Skond Joseph Agius, hu già kien jahdem f'dan il-hanut ma' hutu l-ohrajn, kif ser naraw 'il quddiem.

"Il-vertenza hija dwar dak li gie sewwa miftiehem u dak li fir-realtà sehh fir-relazzjoni ta' bejn (Francis Agius) u l-konvenut (<u>huh</u>, Rosario Agius). Hekk jirrizulta illi, filwaqt li l-attur qieghed jippretendi li kemm hu kif ukoll huh Rosario kienu u baqghu komproprjetarji tan-negozju intier, jigifieri tal-inkwilinat inkluz l-avvjament, armaturi, attrezzi, ghodod u l-oggetti kollha ezistenti fl-istess hanut, il-konvenut invece eccepixxa li l-inkwilinat tal-hanut <u>de quo</u> u n-negozju gestit minnu b'kull ma kien hemm fil-hanut huwa llum esklussivament tieghu. Ghalhekk jidher li

hemm bahar jaqsam bejn iz-zewg pretensjonijiet. Minhabba dak eccepit, kien ghalhekk ukoll utli li l-provi jigu invertiti ghax li kieku kellha tintlaqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, it-talbiet tal-attur ma jreggux aktar.

“Fil-kors tal-kawza instemghu hafna xhieda, konsistenti kwazi kollha fl-ulied tal-missier, Rosario Agius (senior). F'noti ta' osservazzjonijiet elaborati li gew sottomessi mill-abili difensuri tal-kontendenti sar accenn dettaljat ghax-xhidiet moghtijin mhux biss mill-kontendenti, imma wkoll minn Joseph Agius u l-ahwa l-ohrajn, jigifieri John, Salvatore sive Salvu, Anthony u Victor Agius, u Emanuel sive Lino Grech, l-uniku xhud estranju, prodott mill-konvenut.

“Fil-bidunett tas-sottomissjonijiet tieghu in iskritt, il-konvenut issottometta li (ara fol. 117, para. 11, Konsiderazzjonijiet), '*il-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti hija essenzjalment wahda ta' fatt*'. Bir-rispett kollu però, din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-pern tal-vertenza huwa daqstant semplici ghaliex fih jidhlu wkoll konsiderazzjonijiet ta' natura legali, trattandosi fl-ahhar mill-ahhar ta' cessjoni ta' ko-inkwilinat ta' negozju kummercjali komprizi fih drittijiet relatati bhalma huma l-avvajament u xiri, attrezzi u ghodod.

“Illi, fil-fehma tal-Qorti, l-iskritturi li gew esibiti, u li ma gewx disdetti jew attakkati minn xi naha, minkejja li gew esibiti kopji tal-original, jixhtu hafna dawl ghal fini ta' rizoluzzjoni gusta tal-vertenza. Ikkunsidrat li in forza tal-ftehim tat-23 ta' Novembru 1982, il-konvenut Rosario Agius <u>wahdu</u> accetta li

*'jixtri u jakkwista l-ghodda, ingenji u oggetti ohra mobili ezistenti fil-hanut … … kollox inkluz u xejn eskluz u dan bil-prezz ta' elfejn lira (Lm2,000 …'*

“Jigi mill-ewwel innutat li bhala dicitura adoperata fil-kitba la jissemma l-inkwilinat u lanqas l-avvjament f'dan il-ftehim. Però anke jekk seta' jinghad li in forza ta' din il-kitba bejn Rosario Agius, il-missier, u l-konvenut, li l-

inkwilinat gie wkoll ittrasferit, xorta wahda, jirrizulta li l-pozizzjoni rigwardanti l-konvenut u l-attur giet kjarifikata b'kitba sussegwenti maghmulha fid-19 ta' Gunju 1984 (ara Dok FA, a fol. 27) bejn il-kontendenti u li fiha gie ddikjarat espressament min-naha tal-konvenut

'*illi ghalkemm id-dritt tal-inkwilinat tal-hanut numru 273, Triq San Pawl, Valletta, u l-avvjament tieghu qeghdin f'ismi wahdi, madanakollu fil-fatt u in realtà l-istess negozju jappartjeni indaqs lili u lil hija Francis Agius …*'

"Jirrizulta mill-provi li effettivament l-attur hadem ghal diversi snin fil-hanut de quo u jiggestixxi l-intrapriza flimkien mal-konvenut. Jirrizulta li tul dan iz-zmien ahwa ohrajn taghhom dahlu bhala lavranti maghhom, sakemm f'certu zmien l-attur iddecieda li ma jkomplix aktar bi shab mal-konvenut u kellu jinstab xi haddiehor minfloku. Dan ix-xi haddiehor kien huhom Joseph Agius.

"Illi x-xhieda ta' Joseph Agius tghid li proprjament hu dahal jahdem flok missieru qabel il-kontendenti hutu. Billi missieru baqa' però ma ghamilli l-ebda ftehim formali, ma baqax hemm u jkompli jghid (ara fol. 73, it-tielet paragrafu) hekk,

'*meta ftiehem missieri ma' Rosario t-tifel, jigifieri hija, jiena ma nafx*'.

"Dan ix-xhud kompla li huwa kien baqa' jippretendi minghand il-konvenut (lill-attur ma jsemmihx), li dan jirrikonoxxih bhala sieheb mieghu billi jaghmillu '*karta*' f'dan is-sens, liema fatt però ma sehh qatt u ghalhekk jghid li telaq min-negozju. Mistoqsi jekk in-nofs li semma' missieru spettanti lix-xhud, kienx f'idejn l-attur, hu wiegeb '*li jiena qatt ma rajt xejn. Semmieli karta darba il-papà, ma nafx x'karta hi, qalli li ghandu Frans, qatt ma rajtha …*'. Fil-fehma tal-Qorti, din il-karta bilfors li kienet it-tieni skrittura maghmula fl-1984, ghar-raguni li l-kitba ta' qabilha, dik tal-1982, kienet saret biss bejn il-konvenut u missieru. Però anke hawn jista' jkun hemm xi tahwida f'dak li xehed Joseph Agius (fol. 74) ghax dan ikompli li l-attur

'*Baqa' jahdem hemm hekk, ma dhaltx warajh jiena ghaliex jien kont l-ewwel wiehed li dhalt effettivament*'.

"Dan certament ma jaqbilx mal-bqija tax-xhieda moghtija minn Joseph Agius (ara fol. 76) meta xehed li,

'*Meta dhalt jiena Francis Agius kien qalli li kien hemm xi apparat illi kien hareg minn butu u meta dhalt jiena talabni hlas taghhom u ma kienx hemm ricevuti u anqas mort nara x'inhuma l-affarijiet (!) Kemm tajtu l-flus f'idu u daqshekk. Kemm kienu ezattament illum m'ghadnix niftakar*'.

"Dawn il-kontradizzjonijiet f'din il-parti tad-depozizzjoni ta' dan ix-xhud, li skond il-konvenut suppost dahal flok l-attur, ma jieqfux hawn imma jkomplu. Izda hu mportanti li jigi sottolinejat li dan Joseph Agius (fol. 77) jixhed ukoll li,

'*Min ha l-parti tieghi ma nafx ghax minn meta tlaqt qatt ma rsaqt 'l hemm*'.

"U fuq domanda tal-Qorti jirrispondi li l-attur '*kien telaq hafna qabel ma tlaqt jien*'. Dan ix-xhud jispicca x-xhieda tieghu hekk (fol. 79):

'*Missieri ried li ssir karta bejni u bejn Rosario … però ma wasalniex. Frans ma kellux x'jaqsam ma' karti. Missieri lil Frans qallu biex jirranga ma' Joseph (ghalija) però qallu li biex nirrangaw irid ihallasni ta' dawn u jiena tajthomlu u rrangajna ghalija jien …*' (sottolinear tal-Qorti).

"Mis-suespost, tenut kont tat-tahwid u inkonsistenzi, jidher li l-flus - f'ammont imprecizat - li hallas Joseph Agius lil huh Francis (l-attur) kienu tal-oggetti fil-hanut u mhux tal-inkwilinat. Joseph Agius qatt ma ppretenda xi karta min-naha ta' Francis Agius. Il-flus li rcieva (*sic*) ghalhekk minghand l-attur ma kienux tac-cessjoni tal-kirja imma tal-oggetti li kien xtrahom l-attur minn butu.

"Mill-assjem tal-provi ghandu kwindi jirrizulta li cessjoni formali tal-inkwilinat da parti tal-attur, u hlas tas-sehem

mill-avvjament da parti tal-konvenut lejn l-attur in kwantu kien hemm il-ftehim in iskritt bejn l-attur u l-konvenut li dawn baqghu fl-istat li kienu. Ghalkemm jirrizulta li tassew li l-attur ma baqax interessat fin-negozju bi shubija mal-konvenut, jidher ukoll li l-attur dejjem baqa' jippretendi li jithallas is-sehem tieghu mill-inkwilinat u avvjament - in fatti hu xehed li kien ippretenda hlas ta' madwar Lm15,000 minghand huh. Bil-fatt li l-attur lahaq ircieva somma flus ta' '*xi mijiet ta' liri'* ghall-ghodod li halla fil-hanut u li kienu thallsu minn butu, ma jfissirx ukoll li b'daqstant kien gie saldat ukoll dak dovut lilu mill-konvenut. Dan apparti l-fatt li '*di diritto*' cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub (ara artikolu 1470(1) tal-Kap 16), u l-ebda skrittura f'dan is-sens ma qatt saret bejn il-kontendenti in kawza. Dan maghdud mhux ghal kollox eskluz il-fatt li bil-hlasijiet li baqa' jippercepixxi l-attur u l-introjti li kien hemm mill-hanut, li l-attur seta' thallas dak kollu li kien spettanti lilu imma kostatazzjoni simili tista' ssir biss kemm-il darba jsir l-ezercizzju mitlub fl-ewwel talba attrici min-naha tal-konvenut. Dan dejjem in konsegwenza tal-fatt li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma tirrizultax fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

"Illi kwantu ghat-tieni talba, din il-Qorti jidhrilha li jkun certament prematur li tippronunzja ruhha ghalissa dwarha l-ghaliex bil-mod kif iddeponew ix-xhieda kollha, komprizi iz-zewg kontendenti, il-mod kif kienu jingabru u jinqasmu l-introjti wara li jithallsu u jinqatghu l-ispejjez tal-gestjoni, dawn huma neboluzi u vagi ghall-ahhar. Ikun ghalhekk opportun, u fl-interess ta' kulhadd, li l-ewwel tigi maqtugha l-ewwel talba biss."

Rat id-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, moghti waqt l-udjenza ta' l-ghaxra (10) ta' Mejju, 2001, illi permezz tieghu giet milqugha t-talba tal-konvenut sabiex, a tenur ta' l-artikolu 231 tal-Kap 12 jinghata permess illi jappella mill-imsemmija sentenza tat-2 ta' April, 2001;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjonijiet

tal-konvenut appellant u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi l-appell interpost mill-konvenut ghandu jigu michud u b'hekk tigi konfermata s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. illi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta cahdet l-ewwel eccezzjoni tieghu, u dana peress illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur ceda s-sehem tieghu fl-azjenda in kwistjoni;
2. illi, ghalkemm huwa veru illi, kif qalet l-ewwel Qorti, *ai termini* ta' l-artikolu 1470(1) tal-Kodici Civili, cessjoni simili ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub, l-attur kellu dritt jitlob ir-rexissjoni ta' tali cessjoni *ai termini* ta' l-artikolu 1212 ta' l-imsemmi Kodici, liema dritt issa jinsab preskritt skond kif provvdut fl-artikoli 1222, 1223 u 1224 ta' l-istess Kodici;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, it-tieni (2) aggravju hawn fuq imsemmi ghandu jigi trattat qabel l-ewwel (1) wiehed ghaliex, konsiderat il-fatt illi mhux kontestat bejn il-kontendenti illi c-cessjoni ta' l-azjenda in kwistjoni, illi l-konvenut jallega illi saret, ma saritx bil-miktub, u ghalhekk, skond dak illi jiddisponi l-artikolu 1470(1) tal-Kodici Civili, tali cessjoni ma tiswiex, jekk ghal tali nuqqas ma hemmx ir-rimedju imsemmi fit-tieni (2) aggravju, ikun inutili illi jigi indagat jekk mill-provi prodotti jirrizultax pruvat illi bhala kien hemm ic-cessjoni allegata mill-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut appellant qed jibbaza t-tieni (2) aggravju tieghu fuq dak deciz minn dina l-Qorti fis-sentenza taghha tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju, 1957 fil-kawza fl-ismijiet *Gaetano Spiteri vs Carmelo Spiteri et* (Vol. XLI, P. I, p. 412), senjatament dik il-parti taghha hawn citata:
"Illi, wara li fl-imsemmi art. 1266 [illum 1222, tal-Kodici Civili] il-ligi stabbiliet il-preskrizzjoni ta' sentejn ghar-rexissjoni ta' kuntratti minhabba nuqqas ta' xi wiehed mir-rekwiziti essenzjali, kif fuq imfisser, ghaddiet biex bl-art. 1268 [illum l-art. 1224] applikat il-preskrizzjoni ta' hames snin relattivament ghall-azzjoni ta' rexissjoni fil-kazi l-ohra kollha mhux imsemmijin fiz-zewg artikoli ta' qabel. Din id-dispozizzjoni ghandha tigi kombinata ma' dik tal-art. 1255 [illum 1212], li jghid li 'l-ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexissjoni ghalkemm ma tigix pruvata ebda lezjoni';

"Di fronti ghal dispozizzjoni hekk cara huwa ta' evidenza palmari li c-cessjoni in kwistjoni [simili ghal dik allegata fil-kaz odjern] hija suggetta ghar-rexissjoni; u billi dan il-kaz huwa previst fl-art. 1266, jaqa' taht l-art. 1268; u l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin."

F'din is-sentenza imbaghad issir riferenza ghal xi sentenzi ohra illi enuncjaw l-istess principji;

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dak enuncjat fis-sentenza appena citata, japplika ghall-kaz in ezami;

Tajjeb illi jinghad, f'dan ir-rigward, illi l-attur appellat, fir-risposta tieghu ghar-rikors ta' appell, isottometta illi s-sentenza citata mhix applikabbli ghall-kaz odjern ghaliex:
(i) kif stabbilit fis-sentenzi ta' dina l-Qorti imsemmija fil-paragrafu enumerat 17 ta' l-istess risposta, cessjoni bhal dik in kwistjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret bil-miktub;
(ii) fil-kaz odjern ma jirrizultax bhala fatt illi saret ic-cessjoni allegata mill-konvenut;

L-ewwel sottomissjoni mhix valida ghaliex dina l-Qorti, wara illi ezaminat is-sentenzi citati fiha, ghalkemm issib illi

huwa veru illi fihom gie stabbilit - u applikat - dak illi qed jghid l-attur appellat - li, *del resto*, ma hu xejn hlief dak illi jipprovdi c-citat artikolu 1470(1) tal-Kodici Civili - issib ukoll illi f'ebda wahda minnhom ma gew trattati l-principji enuncjati fis-sentenza *Spiteri vs. Spiteri* invokata mill-konvenut appellant;

Kwantu ghat-tieni sottomissjoni, huwa sufficjenti illi jinghad, f'dan l-istadju, illi jekk l-allegata cessjoni saritx bhala fatt ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-trattazzjoni ta' l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant u mhux fil-kuntest ta' jekk hijiex applikabbli jew le ghall-kaz in ezami c-citata sentenza *Spiteri vs Spiteri*;

Ikkunsidrat:

Illi dak illi fadal illi jigi kunsidrat huwa jekk jinsabx pruvat illi bhala fatt kien hemm ic-cessjoni allegata mill-konvenut - il-meritu ta' l-ewwel aggravju tieghu - u, f'kaz affermattiv, jekk l-azzjoni spettanti lill-attur ghar-rexissjoni ta' din ic-cessjoni illum hijiex preskritta *ai termini* ta' l-artikoli 1222 sa 1224 tal-Kodici Civili, invokati mill-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, dina l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni - differenti minn dik raggjunta mill-ewwel Qorti - illi, kif qed jallega l-konvenut appellant, l-attur ceda l-interess tieghu fin-negozju in kwistjoni, u dana in vista tas-segwenti konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:
(a) Is-segwenti siltiet mid-depozizzjoni ta' l-attur maghmula waqt l-udjenza tad-disgha (9) ta' Mejju, 1994 (fol. 29 sa 37):
"Ahna [huwa u l-konvenut] domna nahdmu hekk [jiggestixxu n-negozju in kwistjoni bejniethom u jaqsmu ugwalment il-qliegh relativ] ghal madwar ghaxar snin. Imbaghad darba ghidtlu lill hija li kont xbajt …;

"…;

"Sadanittant it-tmexxija tal-hanut hadha Rosario wahdu, il-konvenut;

"…;

"Meta hallejt it-tmexxija fidejn hija [il-konvenut], jiena ircevejt xi mijiet ta' flus mhux eluf, però; kemm ezatt ma niftakarx;

"Tahomli l-flus Rosario mhux Joe;" (sottolinear tal-Qorti);

(b) Jirrizulta pruvat illi minn mindu l-attur qal lill-konvenut illi iddejjaq jahdem bi shab mieghu l-attur beda jahdem fil-hanut in kwistjoni ghal madwar tlett (3) sighat kull filghodu u jircievi paga ta' hamsa u tletin lira (Lm35) fil-gimgha. Wara illi dam jahdem hekk u jircievi dina l-paga ghal xi sena u nofs l-attur telaq ghal kollox mill-hanut. Mhux verosimili illi l-attur baqa' jiggestixxi l-hanut bi shab mal-konvenut u fl-istess hin, kuntrarjament ghal kif kien isir qabel - ghaliex qabel, kif già inghad, kien jinqasam il-qliegh ugwalment bejn il-kontendenti - jircievi biss il-paga;
(c) John Agius, hu l-kontendenti, gie prodott bhala xhud (fol. 95-96) mill-attur u, apparti illi qal illi huwa jghix fl-istess dar ta' l-attur u illi ma jitkellimx mal-konvenut ghaliex kienu tlewwmu bejniethom, xehed hekk:
"[Meta] li ma baqax imur Frans [l-attur] fil-hanut ma nafx ezatt ghaliex jiena kont nohrog ghax-xoghol u dejjem fil-lejl hdimt u kont naf li spicca [mill-hanut] imma l-gurnata ma nafx." (sottolinear tal-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi, ghall-kompletezza, tajjeb illi jinghad illi, ghalkemm mill-provi prodotti ma jirrizultax ghal kollox car jekk ic-cessjoni in kwistjoni saritx favur il-konvenut jew favur Joseph Agius, hu l-kontendenti, jirrizulta minghajr ebda dubbju illi f'xi zmien wara illi l-attur ma baqax jippartecipa fil-gestjoni tan-negozju in kwistjoni l-imsemmi Joseph Agius ceda favur il-konvenut kull sehem illi seta' kellu fl-istess negozju. Dan ikkonfermah l-istess Joseph Agius meta xehed hekk (fol. 77):

"Meta gejt biex nohrog ghax tlaqt, ghax iddejjaqt … Jiena kont kuntent li nitlaq, basta nitlaq minghajr inkwiet ta' xejn, ridt il-libertà.

"<u>Kont kuntent b'li taghni</u> [il-konvenut], meta wasalt biex nitlaq minn hemmhekk u li <u>fil-fatt tlaqt</u>." (sottolinear tal-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti taqbel ma' dak illi inghad fis-sentenza fuq citata, *Spiteri vs Spiteri*, illi ghall-azzjoni ghar-rexissjoni ta' cessjoni bhal dik in kwistjoni hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' hames (5) snin kontemplata mill-artikolu illum enumerat 1224 tal-Kodici Civili;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-aktar tard illi jista' konsidrat illi sehhet ic-cessjoni hawn fuq imsemmija huwa xi zmien matul is-sena 1991. L-attur seta' jipprocedi ghar-rexissjoni ta' din ic-cessjoni sa mill-1991, però, ma jirrizultax illi sal-lum huwa inizja tali proceduri. Konsegwentement, is-sottomissjoni tal-konvenut - maghmula, kif già inghad, permezz tat-tieni (2) aggravju tieghu - illi ghall-azzjoni ghall-imsemmija rexissjoni tosta l-preskrizzjoni kontemplata mill-artikolu 1224 tal-Kodici Civili, hija valida;

Ikkunsidrat:

Illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn dina l-Qorti, iz-zewg (2) aggravji tal-konvenut appellant huwa fondati - b'dan illi t-tieni (2) aggravju huwa validu biss, ghal dak illi huwa terminu preskrittiv, fuq dak illi jiddisponi l-artikolu 1224 tal-Kodici Civili - u, konsegwentement, l-appell ghandu jigu milqugh billi tigi revokata s-sentenza appellata, billi jintlaqghu l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi jigu michuda t-talbiet attrici. Tajjeb illi jinghad, a skans ta' ekwivoci, illi, ghalkemm fis-sentenza appellata thalliet impregudikata t-tieni (2) talba attrici, ic-cahda ta' l-ewwel (1) talba timporta necessarjament ic-cahda tat-tieni (2) wahda peress illi l-akkoljiment ta' din ta' l-ahhar huwa dipendenti mill-akkoljiment ta' l-ewwel (1) talba;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatt illi l-konvenut avanza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni f’dan l-istadju tal-proceduri sejjer jittiehed in konsiderazzjoni fir-regolament tal-kap ta’ l-ispejjez;

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa’ l-appell tal-konvenut u dana billi tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet kollha attrici;

Tordna illi l-ispejjez kollha tal-kawza, kemm ta’ l-ewwel u kemm ta’ din l-istanza, jigu sopportati kwantu ghal tlett kwinti (3/5) mill-attur appellat u kwantu ghal zewg kwinti (2/5) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------